



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13485/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0227 (NLE)

PECHE 479

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) Nru 2015/384¹ dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal ("il-Ftehim")². Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2014 u għadu fis-seħħ.
- (2) IlProtokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim li bħalissa huwa fis-seħħ ser jiskadi fid-19 ta' Novembru 2019.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/.../UE³⁺, Protokoll ġdid li jimplementa l-Ftehim ("il-Protokoll") ġie iffirmat fi ...⁺⁺.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/384 tat- 2 ta' Marzu 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 65 tal-10.3.2015, p. 1).

² Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal (ĠU L 304, 23.10.2014, p. 3).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ... dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal (ĠU L ... ta' ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza tad-deċiżjoni fid-dokument ST 13477/19 fit-test u imla in-nota korrispondenti fqiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.
- (5) Il-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik id-data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża:

Spanja: 16-il bastiment

Franza: 12-il bastiment

(b) bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

Spanja: 8 bastimenti

Franza: 2 bastimenti

(c) bastimenti tas-sajd bil-konz:

Spanja 3 bastimenti

Il-Portugall 2 bastimenti

(d) bastimenti tat-tkarkir:

Spanja 2 bastimenti

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President
